**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 20 ta’ Novembru 2001**

**Rikors Nru: 101B/98**

**Alphonse Caruana, Teresa Gauci, Charles Gatt, Horace Gatt, Herman Gatt, Duminku Gatt, Vincent Gatt, Tessie George, Angela Gatt, Miriam Vella u Joseph George, Anthony Vella, u Karmenu Gauci.**

**Vs**

**Avukat Victor Scerri u Prokuratur Legali Joanna Dingli, kuraturi biex jirraprezentaw l-wirt battal ta’ Concetta Galea nominati b’ digriet tad-29 ta’ Lulju 1998**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors:

Illi huma kienu jikru l-fond numru 32 Triq Sant Anna, Marsascala, bil-kera ta' Lm20 fis-sena, l-ahhar skadenza kienet fis-6 ta' Frar 1998, lil Concetta Galea, armla, li mietet fit-22 ta' Novembru 1997.

Illi l-imsemmija Concetta Galea, li kienet tghix fil-fond imsemmi wahidha, xi zmien qabel ma mietet, kienet marret toqghod ghand bintha fil-fond 'Marvic', Triq Sant Antnin, Zabbar.

Illi r-rikorrenti riedu l-fond imsemmi ghall-uzu taghhom u tal-familji taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu umilment li l-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendi l-pussess tal-fond imsemmi.

Ra li l-kuraturi kitbu lill-werrieta ta' Concetta Galea u ma kellhom l-ebda twegiba (fol 32)

Sema' x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra,

1. Fis-seduta ta' llum ir-rikorrent ikkonferma ir-rikors tieghu u din hija x-xhieda wahdanija li ghandu l-Bord.

2. Jirrizulta li Concetta Galea mietet fit- 22 ta' Novembru 1997 u qabel kienet marret toqghod banda ohra u r-rikorrenti jehtiegu l-fond ghall-htigijiet taghhom u tal-familji taghhom.

Jilqa' t-talba mhabba r-ragunijiet imsemmija u jawtorizza lir-rikorenti li jerghu jiehdu f' idejhom il-fond 32, Triq Sant' Anna, Marsaskala; ghal ghan ta' l-izgumbrament jaghti zmien xahar m' illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati nomine.

Dep.Reg Magistrat